MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 102

23 ta' Ottubru 2018

Minuti tas-seduta Nru. 102 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 101 tal-1 ta' Ottubru 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Riforma dwar is-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal ittra data 8 ta' Ottubru 2018 fejn il-Wasteserv (Malta) Ltd għarrfet li b'effett mill-31 ta' Ottubru 2018, l-iskart organiku fil-borża l-bajda ser jibda jittieħed fl-Impjant ta' Sant' Antnin, filwaqt li dak imħallat fil-borża s-sewda ser jittieħed fil-Magħtab.

2.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li permezz ta' imejl datat 14 ta' Settembru 2018, Wasteserv (Malta) Ltd iddikjaraw li l-iskart organiku ser jibda jinġabar nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u ser iħallsu lura lill-Kunsill ta' tliet ġimgħat ġbir ta' skart ta' dan it-tip li jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill.

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ (B/5/Vol IV)

3.1.2. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li huwa ġie avviċinat minn membri tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti li huma preokkupati bl-ammont ta' skart li qed iħallu xi wħud li jmorru jikkampjaw fit-tliet żoni tal-Aħrax. Huwa kompla jgħid li għandhom jsiru kuntatti ma' Ambjent Malta, l-*Administrative Law Enforcement* tal-Pulizija u l-LESA biex ikun hemm aktar infurzar.

3.1.3. Is-Sindku fakkar li dawn l-isforzi saru permezz tal-LESA illi qed jinsistu li ma jistax isir infurzar tal-liġi u l-*bye-laws* fl-assenza ta' tabelli fuq il-post.

3.1.4. Is-Sur D. Vella rrimarka li l-infurzar jista' isir xorta waħda għab-bażi tal-*bye-laws*, kif ġie ipprovat minn każi mressqa fil-Qorti mill-Pulizija.

3.1.5. Is-Sindku ppropona li terġa tissejjaħ laqgħa tas-Sotto-Kumitat konċernat billi l-aħħar waħda li ssejħet kellha titħassar billi r-rappreżentanti tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba ma attendewx.

### 3.2.1. Tabelli ta' informazzjoni (T/3/1)

3.2.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ppropona li ssir tabella b'tagħrif dwar postijiet ta' interess f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni.

3.2.3. Is-Sindku wieġeb li minn kuntatti illi saru mal-Kunsill, huwa nfurmat li tali tabelli kienu qed jaħdmu fuqhom l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

### 3.3.1. Servizz ta' trasport għall-anzjani (A/1/2/Vol VII)

3.3.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-Gvern nieda proġett li jinvolvi trasport għall-anzjani fil-komunità, bil-għan li jkollhom aktar aċċess għal servizzi u attivitajiet soċjali. Is-servizz, imsejjaħ *Silver T,* huwa ntiż sabiex l-anzjani jagħmlu l-qadi tagħhom ta' kuljum fil-lokalità fejn joqgħodu, mingħajr ma jiddependu fuq il-familjari jew ħbieb. Huwa staqsa dwar jekk dan jistax jiġi estiż għall-Mellieħa.

3.3.3. Is-Sindku wieġeb li għalissa dan huwa proġett pilota għall-anzjani li jgħixu fil-lokalitajiet fiż-Żurrieq, Gżira u Mosta sabiex jmorru l-klinika, il-bank, il-kunsill lokali, il-monti u l-knisja.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/10/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 29/09/18 – 17/10/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 6.1.1. Servizz ta' *Car Sharing* (V/4)

6.1.2. Saret referenza għal imejl datata 11 ta' Ottubru 2018 mibghuta minn Car Services Sharing Malta Ltd fejn indikaw ħdax-il sit, fejn jistgħu jiġu allokati parkeġġi sabiex wieħed jista' isib vettura li taħdem bil-batterija permezz ta' *mobile application*. L-istess postijiet ser ikunu mgħammra b'*charging stations*. Il-Kunsill intalab jagħti l-kummenti tiegħu dwar dan sal-12 ta' Ottubru 2018, u fil-fatt ingħataw sal-istess data, kif jidher hawn taħt:

| Sit | Post Eżatt | Kummenti tal-Kunsill |
|---|---|---|
| Terminal taċ-Ċirkewwa | Parkeġġ biswit il-kjosk | Mhemmx oġġezzjoni |
| Popeye Village | Parkeġġ | Mhemmx oġġezzjoni |
| Triq Ġorġ Borg Olivier | k/m Triq San Publiju | Mhemmx oġġezzjoni |
| Għadira Promenade | Faċċata ta' Dawret il-Mellieħa | Mhemmx oġġezzjoni |
| Marfa | Fit-triq bejn il-parkeġġ u l-lukanda | Mhemmx oġġezzjoni |
| Għadira Promenade | Biswit San Remo Lido | Mhemmx oġġezzjoni |
| Terminal taċ-Ċirkewwa | Quddiem l-Għassa tal-Pulizija | Mhemmx oġġezzjoni |
| Armier | Parkeġġ | Mhemmx oġġezzjoni |
| Triq Salvinu Vella | K/m Triq is-Santwarju | Oġġezzjoni peress li diġa teżisti *battery charging point* biswit il-knisja. |
| Triq l-Għoljiet | Bejn Triq l-Etna u Triq in-Naħal | Mhemmx oġġezzjoni |
| Għajn Tuffieħa | Quddiem Apples Eye Restaurant | Mhemmx oġġezzjoni |

6.1.3. Il-Kunsill qabel mar-rispons li diġa ngħata, iżda talab li jiżdied post ieħor f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Manikata.

**6.2.1. Kontenituri użati fil-*bring-in sites*** **(K/6/11)**

6.2.2. Sar aċċenn għal ittra datata 3 ta' Ottubru 2018, mibgħuta mil-Kumitat Reġjonali Tramuntana fejn intqal li qed jiġu mistħarġa l-possibbiltajiet kollha kif jingħata servizz mill-*bring-in sites* minħabba l-fatt li d-*domes* eżistenti qdiemu u hemm numru minnhom li kellhom jitwarrbu. Ir-Reġjun talab l-opinjoni tal-Kunsilli Lokali msieħba sabiex jikkunsidraw l-għażliet li ġejjin:

(a) It-tneħħija totali tal-kontenituri eżistenti;

(b) Il-bdil tal-kontenituri eżistenti b'oħrajn ġodda tal-istess tip;

(c) It-tneħħija tal-kontenituri eżistenti u tħaffir ta' fosos taħt l-art li jagħtu dehra aktar nadifa fit-triq; u

(d) Taħlita ta' postijiet fejn ikun hemm *bring-in sites* tat-tip (b) u (ċ).

6.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li l-Kunsill kien għamel attentat biex jakkwista *domes* minn fornituri lokali, iżda ma nstab ħadd li kien interessat li jissupplixxi numru żgħir minnhom.

6.2.4. Il-Kunsill qabel li d-*domes* eżistenti għandhom jinżammu sakemm gradwalment isiru fosos taħt l-art minflokom.

**6.3.1. Festival Folkloristiku Internazzjonali tar-Reġjun Tramuntana (A/5/5/Vol VII)**

6.3.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Ottubru 2018 fejn intqal li l-edizzjoni tal-2018 tal-festival imsemmi kienet waħda ta' suċċess. L-ispiża ta' €30,000 ġiet ffinanzjata mill-Fond Ekonomiku, Soċjali u Kulturali tal-Gvern Ċentrali u mill-fondi li għaddew il-LESA lir-Reġjun Tramuntana. Minkejja dan, il-futur tiegħu mhuwiex ċert billi dawn is-sorsi mhux ser ikunu iktar disponibbli, u għalhekk ħames Kunsilli Lokali msieħba qed jiġu mitluba sabiex jikkontribwixxu €6,000 kull wieħed, sabiex il-festival jerġa' isir fl-2019.

6.3.3. Il-Kunsill osserva li l-festival imsemmi jsir lejn l-aħħar Settembru meta l-kalendarju ta' l-attivitajiet huwa diġa kompatt bejn l-attivitajiet ewlenin u dawk sekondarji. Għaldaqstant kien hemm qbil li ma jistax jintgħata l-kontribut mitlub.

**6.4.1. Laqgħa ma' kandidat għall-Parlament Ewropew (M/4/5)**

6.4.2. Inqrat ittra datata 28 ta' Settembru 2018, mibgħuta mill-Avukat Joe Sammut, fejn bħala kandidat għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li ser iseħħu Mejju 2019, talab sabiex jiltaqa' mal-Kunsill.

6.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' l-Avukat Sammut fit-13 ta' Novembru 2018 fil-5.30 pm.

**6.5.1. Sessjonijiet tat-Tee Ball għat-tfal (S/6/Vol IV)**

6.5.2. Saret referenza għall-imejl datat 9 ta' Ottubru 2018 mibgħut mill-Mellieħa Baseball & Softball Club, fejn il-Kunsill intalab jissieħeb fl-organizzazzjoni tas-sessjonijiet imsemmija, li huma ntiżi għat-tfal bejn 4 u 8 snin.

6.5.3. Il-Kunsill qabel li l-kontribut tiegħu m'għandux jeċċedi €350.

**6.6.1. Ipparkjar fi Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol XV)**

6.6.2 Iqara imejl datat 25 ta' Settembru 2018, mibgħut mis-Sur R. Mari fejn talab li jiġi pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi fuq naħa waħda tat-triq imsemmija, bejn Triq il-Muna u Triq id-Dħin. Dan peress li vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni tar-*roundabout* ikun jeħtiġilhom jidħlu fil-karreġġjata tat-traffiku ġej fid-direzzjoni opposta.

6.6.3 Il-Kunsill ma laqax it-talba peress li din tinvolvi tnaqqis ta' spażju għall-ipparkjar. Ma' ġiex eskluż li jsiru *parking bays* biż-żebgħa kif hemm aktar 'l isfel fl-istess triq.

**6.7.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2018 (N/1/Vol II)**

6.7.2. Inqrat ittra datata 12 ta' Ottubru 2018, mibgħuta mill-Moviment Kerygma, fejn il-Kunsill intalab iressaq in-nominazzjonijiet tiegħu għall-premju msemmi hawn fuq.

6.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi kkuntattjat ir-Rev. Mario Dimech bħala persuna li għal sentejn konsekuttivi mexxa grupp ta' żgħażagħ biex jgħinu persuni oħra fil-Gwatemala u fl-Albanija. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir l-istess fir-rigward tal-Mellieħa Youth li jakkumpanjaw lil persuni morda fil-pellegrinaġġi lejn Lourdes.

**6.8.1. Konsultazzjoni dwar ir-riforma fil-qasam tal-Kunsilli Lokali (M/4/2/Vol II)**

6.8.2. Saret referenza għal pubblikazzjoni ta' *white paper* dwar ir-riforma fil-qasam tal-gvern lokali.

6.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju m'għandux jikkummenta dwar ir-riforma, billi kienet diġa espressa l-opinjoni kollettiva tiegħu fis-Seduta Nru. 83 tat-3 ta' Ottubru 2017, liema opinjoni kienet ġiet mgħoddija lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet. Minkejja dan, is-Sindku nkoraġġixxa lill-kunsillieri jagħmlu

rappreżentazzjonijiet dwar il-*white paper* fuq bażi ndividwali fid-9 ta' Novembru, waqt laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor Silvio Parnis.

### 6.9.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-*bin*i fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

6.9.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li r-residenti talba li ssir laqgħa oħra mal-Kunsill, li hija skedata għall-24 ta' Ottubru 2018 fis-6.00 pm.

6.9.3. Il-Kunsill innota l-appuntament.

### 6.10.1. Jum in-Nanniet (A/1/1/Vol II)

6.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fid-29 ta' Ottubru 2018 ser issir attività li tinvolvi t-tfal tat-Tielet Sena fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa u n-nanniet tagħhom fl-okkażjoni ta' Jum in-Nanniet. Hija qalet li ġie mistieden jattendi l-President ta' Nanniet Malta s-Sur Philip Chircop.

6.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.11.1. Kunċert fuq l-arpa fil-Knisja tal-Manikata (S/6/Vol IV)

6.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 5.16.1. tas-seduta preċedenti dwar il-kunċert li ngħata fil-Knisja tal-Manikata mill-mezzo soprano Althea Troisi de Menville akkumpanjata fuq l-arpa minn Letitia Troisi de Menville, flimkien ma' mużiċista oħra mil-Latvja. Hija qalet li fil-knisja tal-Manikata kien hemm udjenza ta' madwar mitt persuna.

6.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.12.1. Tqassim ta' *bins* għas-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

6.12.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.3.3. tas-seduta ta' qabel u għarraf li Wasteserv waslu biex jippubblikaw l-iskeda tal-ġbir tal-iskart approva mill-Kunsill.

6.12.3. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġi ppubblikata wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill u permezz tal-medja soċjali.

6.12.4. Is-Sur J. Azzopardi għarraf li l-infurzar permezz tal-uffiċjali tal-*Cleansing and Maintenance Division* u l-*LESA* huwa pprogrammat skont l-iskeda li tidher hawn taħt:

| Rotta | Data | Perjodu | Siegħat |
|---|---|---|---|
| A | 16-Ott-18 | 6 am - 10 am | 4 |
| B | 18-Ott-18 | 8 pm - 1 pm | 5 |
| C | 20-Ott-18 | 10 am – 2 pm | 4 |
| A | 23-Ott-18 | 6 am - 10 am | 4 |
| B | 25-Ott-18 | 8 pm - 1 pm | 5 |
| C | 27-Ott-18 | 10 am – 2 pm | 4 |

| | |
|---|---|
| Rotta A | L-akwati ta' Triq Santa Marija; l-Għoljiet tal-Mellieħa. |
| Rotta B | Selmun; it-toroq ewlenin; Triq il-Marfa fiż-żoni Ta' Ġerbulin u Tas-Sellum. |

| | |
|---|---|
| Rotta Ċ | L-akwati ta' Triq Santa Marija; Żona Ta' Masrija; *bring-in site* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi; u it-toroq ewlenin. |

6.12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.13.1. Korsijiet dwar risuxxitazzjoni kardiopulmonari (M/8/Vol VI)**

6.13.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 5.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-kors dwar is-suġġett imsemmi ġie skedat li jibda fit-2 ta' Frar 2019.

6.13.3. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata pubbliċità minn kmieni, bil-mezzi kollha disponibbli.

**6.14.1. Premju Anzjanità Attiva 2018 (A/1/3)**

6.14.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel u kkummenta li n-numru ta' nomini mressqa mill-Kunsill kien sostanzjali mqabbel ma' dak imressaq minn entitajiet oħra. Huwa nnota illi nżammet il-prassi li l-premjijiet jingħataw lil persuni li l-kontribut tagħhom huwa magħruf fuq il-livell nazzjonali.

6.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.15.1. Attivitajiet marbuta mal-Valletta 18 (A/5/5/Vol VII)**

6.15.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 5.15.4. tas-seduta preċedenti li għall-attività Orfeo & Majnun, li tiżvolgi fil-belt Valletta fis-27 ta' Ottubru 2018 bejn l-4.30 pm u l-11.00 pm, ser jiġi pprovdut permezz ta' minibus li titlaq fit-3.30 pm.

6.15.3. Il-Kunsill innota l-arranġament imsemmi.

**6.16.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)**

6.16.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-imejl datat 20 ta' Settembru 2018 mibgħut minn OK Medical fejn għarrfu li t-testijiet imsemmija fl-uffiċċju tal-Kunsill ser ikunu bejn is-26 u t-30 ta' Novembru 2018.

6.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.17.1. Skema ta' dwal ġodda fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna (E/1/3/Vol IV)**

6.17.2. Is-Sindku għarraf li attwalment għaddej ix-xogħol fuq it-trinek fil-bankini matul Triq Għajn Żejtuna, fil-parti bejn Triq iil-Kbira u Triq iż-Żebbuġ wara li twaħħlu kważi l-arbli kollha meħtieġa.

6.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.18.1. Dwal fi Ġnien tas-Salib u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/22)(P/4/25)**

6.18.2. Is-Sindku għarraf li għaxar fanali li tneħħew minn Misraħ il-Parroċċa (Mellieħa) ser jiġu trasferiti għall-Misraħ tas-Salib, peress li dawk eżistenti mhumiex fi stat tajjeb u hemm wieħed li kellu jitneħħa peress illi kien perikoluż. Ippropona wkoll li tnejn oħra jitwaħħlu f'Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, peress li din il-pjazza hija mudlama. Is-Sur J. Buttigieg qal li ser isir it-tikħil u tibjid tal-ħajt li miegħu se jeħlu l-fanali ornamentali.

6.18.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**6.19.1. Festival Medjevali f'Agia Napa (K/1/5/4)**

6.19.2. Is-Sur J. Buttigieg irrefera għaż-żjara li saret f'Agia Napa minnu, mil-Kunsillieri J. Azzopardi, E. Bartolo u J. Gauci, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, għall-attività msemmija li seħħet bejn it-18 u l-21 ta' Ottubru 2018. Mistiedna wkoll għall-istess avveniment kien hemm delegazzjoni mill-Federazzjoni tal-Kultura Griega Awtonoma fir-Russja. Huwa qal li l-festival kien jikkonsisti fi sfilati b'tema medjevali minn gruppi ġejjin minn diversi pajjiżi ewropej. Is-Sindku wera x-xewqa li fl-edizzjoni li jmiss ikun hemm grupp mill-Mellieħa li jieħu sehem f'dan il-festival.

6.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 6.20.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)

6.20.2. Is-Sindku rrefera għall-proġett imsemmi u qal li l-fażi li jmiss ser tiżvolġi fil-Portugal bejn l-25 u d-29 ta' Ottubru 2018 u għaliha ser jattendu il-Kunsillieri J. Azzopardi u H. Fenech.

6.20.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li d-delegazzjoni Melleħija fil-konferenza ser tagħti preżentazzjoni li tittratta ix-xettiċiżmu dwar l-Unjoni Ewropea.

6.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 6.21.1. Proġetti taħt il-Miżura 5.4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/5)

6.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (MAGF) ħatret lis-Sur Gerald Vella bħala *manager* minflok is-Sinjura Marisa Marmara. Minħabba dan in-nuqqas il-proġetti tal-MAGF waqgħu xi ftit lura mqabbla ma' taż-żewġ reġjuni l-oħra.

6.21.3. Is-Sinjura Brincat Stellini kompliet tgħid li attwalment l-MAGF qed tħares lejn il-Miżura 5.4 li tinvoli titjib ta' infrastruttura eżistenti, bħal ħitan tas-sejjieħ, konservazzjoni ta' abitat rurali, *landscaping* ta' ġonna eżistenti, u afforestazzjoni fit-toroq. Għal dan il-għan hemm allokazzjoni totali ta' €497,000 u kull applikant jista' jibbenefika sa massimu ta' €50,000.

6.21.4. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li għandu jittieħed parir mingħand xi entità ntiża f'dawn il-materji, bħalma hija n-Nature Trust dwar l-għażla tal-inizjattiva li tittieħed.

## 6.22.1. Kunċert mill-International Flute Orchestra (A/5/5/Vol VII)

6.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet avviċinata mis-Sur Christopher Muscat id-Direttur ta' Pjazza Teatru Rjal dwar il-possibiltà li jingħata kunċert fil-Mellieħa mill-International Flute Orchestra mill-Irlanda. Id-data ndikata hija l-27 ta' Mejju 2019. Hija qalet li l-Kunsill ikun mistenni biss li jipprovdi xi post fil-beraħ jew fil-knisja u l-faċilitajiet meħtieġa fl-istess post.

6.22.3. Minkejja li l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ser taħbat fil-25 ta' Mejju 2019, kien hemm qbil li l-avveniment xorta waħda għandu jiġi ospitat fil-Mellieħa.

## 6.23.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol XV)

6.23.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 23 ta' Lulju 2018, mibgħut mis-Sur Arvaham Shafrir li talab li ssir *pedestrian crossing* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, qrib il-kantuniera ma' Triq il-Madonna Ta' Fatima, preċiżament quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex tintuża biex jaqsmu t-tfal tal-iskola.

6.23.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhemmx spażju fejn tista' issir *pedestrian crossing*, minħabba l-bibien ta' garaxxijiet, filwaqt li din tnaqqas l-ispażju għall-ipparkar għall-istess ġenituri li jġibu/jieħdu tfal waqt il-ħinijiet tad-dħul/ħruġ.

## 6.24.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

6.24.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li ssir ħarġa lejn l-Akwarju tal-Qawra fit-22 ta' Novembru 2018.

6.25.2. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 6.1. Wirjiet pirotekniċi minn proprjetà tal-Knisja (F/2/Vol VII)

6.2. Is-Segretarju fakkar li saru rappreżentazzjonijiet mill-ġdid mal-għaqdiet volontarji fejn reġgħet inġibdet l-attenzjon għall-proposta tal-Kunsill li l-kwistjoni tiġi studjata minn kumitat tekniku maħtur mill-Kurja. Huwa qal li sad-19 ta' Ottubru 2018 kienu rrispondew u wrew l-appoġġ tagħhom l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista, iċ-Ċentru Laburista, is-Società Filarmonica La Vittoria u l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti.

6.3. Fid-dawl tar-rispons li kien hemm, il-Kunsill iddeċieda li għandu jipproċedi billi jitlob laqgħa mal-uffiċjal konċernat fil-Kurja.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-kwotazzjonijiet MLC 1/2018, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi l-installazzjoni ta' sistemi ta' arja kondizzjonata fis-Sala tal-Kunsill u fil-Librerija Pubblika;***

***Billi t-tliet offerti li saru ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat, assistit minn rapport tekniku kif spjegat fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-10 ta' Ottubru 2018;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2018, taħt il-voti Nru. 3391 u 7210;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għax-xiri u l-installazzjoni tat-tagħmir imsemmi għandu jiġi ffirmat mal-offerent Kencar, billi l-offerta tagħhom kienet kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".***

**(K/1/2/Vol V) (L/3/Vol III)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Azzopardi li tgħid:

***"Billi saru sejħiet għall-kwotazzjonijiet MLC 3/2018 u MLC 5/2018 skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema sejħiet jinvolvu t-tiżjin bid-dwal għall-Milied 2018 u l-Ewwel tas-Sena 2019 fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira;***

***Billi ż-żewġ offerti fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u l-waħda li kien hemm fil-każ ta' Triq il-Kbira ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, skont kif spjeġat fir-Rapport ta' Evalwazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2018;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2018, taħt il-vot Nru. 3370;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratti illi jipprovdu għas-servizzi msemmija għandhom jiġu ffirmati mal-offerent Carl Caruana, billi l-offerti tiegħu kienu kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerti.". (T/4/15)***

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 7/2016, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi x-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandli u xogħlijiet ančillari fil-Playing Fields ta' Ġnien tas-Salib u fi Ġnien Dun Anton Debono;***

***Billi sar rapport tekniku mill-Contracts Manager tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2018 u evalwazzjoni mis-Kumitat tal-Evalwaturi tas-sit offerti li saru, skont rapport datat 20 ta' Ottubru 2018; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2017 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Voti 7521 u 7531;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Gokker Ltd li għamel l-irħas offerta konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".***
***(P/4/22)(P/4/24)***

9.2. Is-Sindku J. Buttigieg tenna li huwa kien qiegħed jastjeni minn kull forma ta' diskussjoni u deċiżjoni fuq din il-mozzjoni, skont kif hemm provdut fl-Artiklu 19 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), minħabba l-fatt li huwa għandu parentela ma' wieħed mid-diretturi tal-offerent Gokker Ltd.

9.3. Il-mozzjoni għaddiet b'modd unanimu mill-kunsillieri kollha mhux affettwati bid-dikjarazzjoni skont il-minuta 9.2. wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

**10.1. Attivitajiet fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill – Produzzjoni ta' *Musical*** **(A/5/3/8)(S/6/Vol IV)**

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-10 ta' Ottubru saret laqgħa mas-Sur Philip Vella fejn ġie spjegat ix-xogħol li sar fuq il-*musical* "Naħal tal-Imħabba". Ġew ukoll stmati l-ispejjeż involuti f'dak li huma dwal, audio, u *projections*. Is-Segretarju qal li għaddejjin kuntatti sabiex dawn l-ispejjeż jew parti minnhom jiġu koperti direttament permezz ta' *sponsorship*.

10.3. Is-Sur J. Buttigieg ppropona li għar-rappreżentazzjonijiet tal-*musical* tat-8 u d-9 ta' Diċembru għandu jkun hemm preżentatur. Issuġġerixxa wkoll li l-ewwel serata tkun taħt il-patroċinju ta' xi personalità marbuta mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

10.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jinħarġu inviti għar-rappreżentazzjoni tat-8 ta' Diċembru. Fil-każ tal-għaqdiet għandhom jiġu mistiedna l-presidenti u segretarji bl-imsieħba tagħhom.

10.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li l-pubbliċità tal-*musical* issir permezz ta' *billboard* fit-Telgħa ta' Selmun, fuljetti, fil-medja soċjali u fuq il-mezzi tax-xandir.

10.6. Is-Sindku qal li huwa tkellem mas-Sur Frankie Bartolo li lest jidħol biex jikolpi l-mafkar, sakemm jingħata disinn li huwa jkun jista' jimxi fuqu. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab l-assistenza ta' l-Art Club 2000 f'dan ir-rigward.

10.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li fl-okkażjoni tal-25 anniversarju jittellgħu l-attivitajiet li ġejjin:

- 13/12/2018 – Kunċert ta' kant gospel fil-Knisja tal-Manikata;
- 15/12/2018 – Festin għat-tfal; u
- 16/12/2018 – Attività għall-anzjani f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa;

10.8. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet ukoll li ssir kompetizzjoni tal-poeżija għat-tfal li tagħlaq fis-7 ta' Novembru, filwaqt li jkun hemm preżentazzjoni tax-xogħlijiet rebbieħa fit-18 ta' Novembru 2018 fis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

10.9. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

**11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Ottubru 2018.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet ukoll, b'mod separat, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-29 ta' Settembru u s-17 ta' Ottubru 2018.

11.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10.30 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**